



Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

2015/2258(INI)

25.4.2016

OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità b'riferiment partikolari għall-Osservazzjonijiet Konklużivi tal-Kumitat tan-NU dwar is-CPRD
(2015/2258(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Rosa Estaràs Ferragut

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:

- A. billi huwa stmat li hemm madwar 80 miljun persuna b'diżabilità fl-Unjoni Ewropea, u li minn dawn madwar 46 miljun huma nisa u bniet, ammont li jirrappreżenta madwar 16 % tal-popolazzjoni totali tan-nisa fl-UE, fatt li juri li d-diżabilità fl-Unjoni Ewropea hija oġġla fost in-nisa milli fost l-irġiel; billi n-nisa b'diżabilità spiss ikunu vittmi ta' diskriminazzjoni multipla, iħabbtu wiċċhom ma' ostakli sostanzjali fit-twettiq tad-drittijiet u l-libertajiet bażiċi tagħhom bħad-dritt għall-aċċess għall-edukazzjoni u l-impjiegi, u billi dan jista' jwassal għal iżolazzjoni soċjali u trawmi psikoloġiċi; billi n-nisa jiġu wkoll affettwati b'mod sproporzjonat mid-diżabilità bħala indukraturi tal-membri tal-familja b'diżabilità;
- B. billi fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità huwa rikonoxxut li n-nisa u l-bniet b'diżabilità huma iktar esposti għar-riskju, kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar, ta' vjolenza, korriment u abbuż, negliġenza jew trattament traskurat, maltrattament jew sfruttament;
- C. billi l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità tenfasizza l-ħtieġa li tiġi inkorporata perspettiva tal-ġeneri fl-isforzi kollha u li tiġi promossa t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali;
- D. billi trattament ugwali u miżuri u politiki pożittivi għan-nisa b'diżabilità u l-ommijiet ta' tfal b'diżabilità huma dritt tal-bniedem fundamentali u obbligu etiku;
- E. billi madwar 80 % tan-nisa b'diżabilità huma vittmi ta' vjolenza psikoloġika u fiżika, u billi r-riskju ta' vjolenza sesswali hu akbar għal dawn in-nisa milli għal nisa oħra; billi n-nisa u l-bniet b'diżabilità huma esposti għal diskriminazzjoni multipla;
- F. billi n-nisa u l-bniet b'diżabilità huma ħafna aktar suxxettibbli li jkunu vittmi tal-vjolenza fuq il-bażi tal-ġeneru, speċjalment tal-vjolenza domestika u l-isfruttament sesswali, u billi l-estimi juru li n-nisa b'diżabilità għandhom minn 1.5 sa 10 darbiet aktar ċans li jiġu abbużati milli n-nisa mingħajr diżabilità;
- G. billi, minħabba t-tibdil demografiku u soċjali, hemm domanda akbar għal ħaddiema domestiċi u indukraturi, u b'mod partikolari għal ħaddiema domestiċi u indukraturi għall-familji; billi l-indukrar tal-persuni b'diżabilità u tal-persuni dipendenti normalment isir min-nisa fil-familja, u dan spiss iwassalhom għall-esklużjoni mis-suq tax-xogħol;
- H. billi n-nisa b'diżabilità, speċjalment il-migranti, huma friskju akbar ta' faqar u esklużjoni soċjali minħabba d-diskriminazzjoni multipla;
- I. billi r-rata ta' impjieg għan-nisa bla diżabilità hija 65 %, meta mqabbla ma' 44 % għan-nisa b'diżabilità; billi n-nisa b'diżabilità ta' spiss jiġu diskriminati meta mqabbla mal-irġiel b'diżabilità f'dak li jirrigwardja l-aċċess għall-impjiegi u l-edukazzjoni; billi r-rata għolja tal-qgħad fost il-persuni b'diżabilità għadha inaċċettabbli; billi n-nisa u l-bniet b'diżabilità

jħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet ikbar biex jidħlu fis-suq tax-xogħol; billi l-ostakli għall-mobilità u d-dipendenza akbar fuq il-membri tal-familja u fuq l-induktraturi tagħhom jeħtieġ li jingħelbu sabiex titħeġġeġ il-parteċipazzjoni attiva tan-nisa b'diżabilità fl-educazzjoni, fis-suq tax-xogħol u fil-ħajja soċjali u ekonomika tal-komunità;

- J. billi l-impjeg imħallas huwa essenzjali biex il-persuni b'diżabilità jkun jista' jkollhom ħajja indipendenti u jkunu jistgħu jappoġġjaw lill-familji u d-djar tagħhom; billi n-nisa u l-bniet b'diżabilità spiss jitħallsu inqas milli jistħoqilhom; billi dan il-grupp ta' nies vulnerabbli hu aktar suxxettibbli li jbati mill-faqar u jinsab f'riskju akbar ta' esklużjoni soċjali;
- K. billi l-kriżi ekonomika, il-miżuri ta' awsterità u t-tnaqqis impost fis-servizzi soċjali u fil-kura tas-saħħa fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE wasslu għal konsegwenzi negattivi għall-gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni tal-UE, speċjalment għall-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom, li jiġu affettwati b'mod sproporzjonat mill-miżuri ta' awsterità, u partikolarment in-nisa u l-bniet b'diżabilità;
- L. billi t-tfal b'diżabilità jiffaċċjaw ostakoli sinifikanti biex igawdu d-drittijiet fundamentali tagħhom;
- M. billi t-tfal b'diżabilità sikwit jiġu esklużi mis-soċjetà, peress li xi drabi jgħixu f'istituti jew faċilitajiet oħra 'l bogħod mill-familji tagħhom;
- N. billi t-tfal b'diżabilità għandhom id-dritt li jgħixu f'familji jew f'ambjent ta' familja u li jippretendu li l-istituzzjonijiet statali rilevanti jaġixxu fl-aħjar interessi tat-tfal u l-familji tagħhom;
- O. billi huwa inqas probabbli li t-tfal b'diżabilità jattendu l-iskola, u għalhekk dawn jesperjenzaw opportunitajiet limitati għat-taħriġ tal-kapital uman u jaffaċċjaw tnaqqis fl-opportunitajiet ta' impjeg u tnaqqis fil-produttività fl-età adulta;
- P. billi huwa aktar probabbli li l-persuni b'diżabilità jkunu qiegħda, u ġeneralment jaqilgħu inqas anke meta jiġu impjegati; billi kemm ir-riżultati tal-impjegi kif ukoll dawk tal-introjt u jidhru li jaggravaw ruħhom bil-livell ta' gravità tad-diżabilità;
- Q. billi l-persuni b'diżabilità jista' jkollhom spejjeż addizzjonali li jirriżultaw mid-diżabilità – bħal spejjeż assoċjati mal-kura medika jew ma' apparat ta' assistenza, jew il-ħtieġa għal appoġġ u assistenza personali – u għalhekk ta' spiss ikunu jeħtieġu aktar riżorsi biex jiksbu l-istess riżultati daqs il-persuni mingħajr diżabilità;
- R. billi lill-Kumitat għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità fl-Osservazzjonijiet Konklużivi tiegħu dwar ir-rapport inizjali tal-Unjoni Ewropea jirrakkomanda li l-Unjoni Ewropea tintegra l-perspettiva tad-diżabilità fil-politiki u l-programmi tagħha dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, kif ukoll il-perspettiva tal-ġeneri fl-istrateġiji tagħha dwar id-diżabilità, u li tiżviluppa azzjonijiet pożittivi, tistabbilixxi mekkaniżmu ta' monitoraġġ u finanzjament għall-ġbir tad-data u għar-riċerka dwar in-nisa u l-bniet b'diżabilità; billi jirrakkomanda wkoll li l-Unjoni Ewropea tipprova protezzjoni effettiva mill-vjolenza, l-abbuż u l-isfruttament, li l-politika dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata tindirizza l-bżonnijiet tat-tfal u l-adulti b'diżabilità, inklużi tal-induktraturi tagħhom, u li jittieħdu miżuri biex jitnaqqsu r-rati għoljin ta' qgħad fost il-persuni b'diżabilità, li fil-maġġoranza

tagħhom huma nisa;

1. Jappoġġja l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità u jenfasizza l-ħtieġa li l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri jintegraw il-perspettiva tan-nisa u l-bniet b'diżabilità fil-politiki, il-programmi u l-istrategġiji tagħhom dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, u l-perspettiva tal-ġeneri fl-istrategġiji tagħhom dwar id-diżabilità; jitlob, ukoll, li jiġu stabbiliti mekkaniżmi biex jiġi revedut regolament il-progress li jkun sar;
2. Jiddispijaċih li l-Istrategġija Ewropea tad-Diżabilità 2020–2010 ma tinkludix perspettiva integrata tal-ġeneri jew kapitolu separat dwar politiki dwar id-diżabilità speċifiċi għall-ġeneru, minkejja l-fatt li n-nisa b'diżabilità ta' spiss isibu ruħhom f'pożizzjoni aktar żvantaġġjata minn dik tal-irġiel b'diżabilità u jkunu aktar ta' spiss vittmi tal-faqar u l-esklużjoni soċjali;
3. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-impenn strateġiku għall-ugwaljanza bejn is-Sessi għall-2016–2019 tal-Kummissjoni ma jindirizzax id-diżabilità, u jistieden lill-Kummissjoni tindirizza dan in-nuqqas billi tinkludi n-nisa b'diżabilità u l-induktruri nisa fil-politiki u l-programmi tagħha;
4. Jistieden lill-Istati Membri japplikaw approċċ ta' integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneru fil-politiki u l-miżuri għan-nisa, l-irġiel, il-bniet u s-subien b'diżabilità u fl-implimentazzjoni tagħhom fl-oqsma kollha, speċjalment f'termini ta' integrazzjoni fil-post tax-xogħol, edukazzjoni u ta' azzjonijiet kontra d-diskriminazzjoni;
5. Jagħti l-ikbar importanza lill-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (Implimentazzjoni u monitoraġġ nazzjonali) u lill-Osservazzjonijiet Konklużivi 76 u 77 tal-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti, u, konsegwentement, jilqa' l-approvazzjoni tal-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti għall-preżenza tal-Parlament Ewropew fil-qafas ta' monitoraġġ indipendenti;
6. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw politiki adegwati u japplikaw miżuri għal firxa sħiħa ta' oqsma ta' politika bil-għan li jrawmu l-ħajja indipendenti u l-inklużjoni sħiħa; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni tiġbor u xxerred data statistika aġġornata dwar id-diżabilità, diżaggregata skont l-età u l-ġeneru, sabiex tiġi mmonitorjata s-sitwazzjoni tal-persuni b'diżabilità fl-UE;
7. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-persuni kollha b'diżabilità jkunu jistgħu jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu li għandhom iċ-ċittadini kollha tal-UE billi fil-leġislazzjoni attwali u futura tinkludi l-garanzija ta' opportunitajiet indaqs, drittijiet fundamentali, aċċess ugwali għas-servizzi u għas-suq tal-impjiegi, u l-istess drittijiet u obbligi fl-aċċess għas-sigurtà soċjali bħaċ-ċittadini tal-Istat Membru li fih ikunu koperti, bi qbil mal-prinċipju ta' trattament ugwali u ta' nondiskriminazzjoni; Jistieden lill-Istati Membri, barra minn hekk, biex, f'termini ta' ugwaljanza fl-impjiegi, jikkonformaw bis-sħiħ mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-UE dwar opportunitajiet indaqs u trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa (tfassil mill-ġdid)(2006/54/KE);
8. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu appoġġjati l-bniet u n-nisa migranti b'diżabilità sabiex dawn jiżviluppaw ħiliet li jagħtuhom opportunitajiet biex jiksbu impjeg xieraq;

9. Iqis li l-persuni b'diżabilità, b'mod partikolari n-nisa u l-bniet, għandhom jitħallew igawdu s-sesswalità tagħhom b'mod kemm jista' jkun liberu bħalma jgawduha n-nies mingħajr impedimenti, u jqis li n-nisa b'diżabilità għandhom ikunu jistgħu jgħixu bħan-nisa mingħajr diżabilità u li jissodisfaw ix-xewqa tagħhom li jkollhom jew li ma jkollhomx tfal;
10. Jenfasizza li l-bniet u n-nisa b'diżabilità għandu jkollhom aċċess sħiħ għad-drittijiet sesswali u riproduttivi u għall-edukazzjoni dwar is-sesswalità mogħtija minn professjonisti li huma esperti f'dan il-qasam; iqis, għalhekk, li huwa kruċjali li n-nisa u l-bniet b'diżabilità jkollhom aċċess sħiħ għall-kura medika li tissodisfa l-ħtiġijiet partikolari tagħhom, inklużi konsultazzjonijiet ginekologiċi, eżamijiet mediċi, ippjanar tal-familja u appoġġ adatt għall-ħtiġijiet tagħhom matul it-tqala; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-provvediment nazżjonali tagħhom tal-kura tas-saħħa pubblika jinkludi aċċess xieraq għal dawn is-servizzi;
11. Jikkonferma mill-ġdid il-fehma tiegħu li għandha tiġi indirizzata l-ħtieġa li jiġi provdut appoġġ speċjalizzat, inkluża assistenza għall-indukrar tat-tfal, lil nisa u l-irġiel b'diżabilità, flimkien mal-familji tagħhom, sabiex dawn ikunu jistgħu jgawdu bis-sħiħ il-maternità u l-paternità;
12. Jenfasizza li sabiex tinkiseb haġja awtonoma u indipendenti għall-persuni b'diżabilità, speċjalment għan-nisa, l-assistenza (personali jew pubblika) hija mezz li jappoġġja lilhom u lill-familji tagħhom, billi jagħmilha possibbli li dawn ikollhom aċċess għal postijiet tax-xogħol u istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, u jappoġġjahom f'każ ta' tqala u maternità;
13. Itenni l-ħtieġa urġenti li tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet b'diżabilità fl-ambjenti privati u istituzzjonali, u jistieden lill-Istati Membri jipprovdu servizzi ta' appoġġ li jkunu aċċessibbli għan-nisa u l-bniet b'kull tip ta' diżabilità; jirrakkomanda li l-UE ssir parti mill-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul) bħala pass ulterjuri fil-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet b'diżabilità;
14. Jinnota bi tħassib li n-nisa u l-bniet b'diżabilità, b'mod partikolari l-vittmi ta' diskriminazzjoni multipla, ikunu f'riskju akbar ta' vjolenza fuq il-bażi tal-ġeneru, inkluża l-vjolenza sesswali u/jew l-isfruttament sesswali, kemm domestikament kif ukoll f'ambjenti istituzzjonali; jenfasizza l-ħtieġa li l-Istati Membri jdaħħlu jew isaħħu leġislazzjoni biex jiproteġu d-drittijiet tan-nisa u l-bniet b'diżabilità f'każi ta' vjolenza bbażata fuq il-ġeneru u biex isostnu l-irkupru tagħhom;
15. Ifakkar ir-rwol tal-mezzi tax-xandir fir-rappreżentanza tan-nisa u l-bniet, kif ukoll tad-diżabilità, u jinnota li n-nuqqas ta' viżibilità jew il-proliferazzjoni tal-isterjotipi jistgħu jipperpetwaw il-preġudizzju, il-vjolenza u l-esklużjoni; jistieden lill-Istituzzjonijiet Ewropej kollha jagħtu bidu għal u jappoġġjaw kampanji ta' sensibilizzazzjoni dwar il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u jiġġieldu kontra l-preġudizzju, id-diskriminazzjoni u r-reati ta' mibegħda kontra persuni b'diżabilità, fosthom in-nisa u l-bniet; jemmen li l-mezzi tax-xandir, minbarra li jżidu l-viżibilità tagħhom, għandhom jistinkaw biex jipproġettaw immaġni pożittiva tan-nisa u l-bniet b'diżabilità;

16. Ifakkar fl-importanza tad-dritt fundamentali li l-persuni b'diżabilità jipparteċipaw fil-proċessi ta' politika u fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar id-diżabilità fil-livelli kollha, kif enfasizzat mill-Konvenzjoni dwar Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità; jenfasizza li n-nisa u l-bniet b'diżabilità, inklużi dawk minn gruppi emarġinati u dawk vulnerabbli li jħabbtu wiċċhom ma' diskriminazzjoni multipla, għandhom jiġu abilitati u mogħtija s-setgħa biex jipparteċipaw fil-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet sabiex ikun żgurat li l-interessi u d-drittijiet tagħhom jiġu espressi, appoġġjati u protetti, filwaqt li tiġi żgurata perspettiva tal-ġeneru ġenwina fil-livell lokali; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu servizzi u faċilitajiet adattati adegwatament li jsaħħu l-pożizzjoni tagħhom fl-involiment u l-parteċipazzjoni attiva tagħhom, u biex jinvestu f'teknoloġiji assistivi u adattabbli u fl-inklużjoni diġitali;
17. Jesprimi l-preokkupazzjoni tiegħu li f'xi Stati Membri l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej jintużaw biex tingħata spinta lill-istituzzjonalizzazzjoni minflok ma jiġu żviluppati komunitajiet aktar inklużivi fejn il-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jgħixu filwaqt li jingħataw l-appoġġ xieraq; jesprimi l-preokkupazzjoni tiegħu għall-fatt li persuni b'diżabilità, b'mod partikulari n-nisa, it-tfal u l-anzjani, jistgħu jkunu soġġetti għal vjolenza jew trattament ħażin, speċjalment f'ambjenti istituzzjonali;
18. Jinnota bi tħassib id-diversi forom ta' esklużjoni kkawżati mill-istituzzjonalizzazzjoni ta' persuni b'diżabilità u kif din il-forma ta' trattament diskriminatorju tista' tinkoraġġixxi aktar preġudizzju u trattament ħażin f'ambjenti istituzzjonali u min-naħa tas-soċjetà b'mod ġenerali;
19. Jitlob li jsir użu b'mod ibbilanċjat mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment filwaqt li jithegħeġ l-iżvilupp ta' komunitajiet aktar inklużivi u tal-istituzzjonalizzazzjoni meta tintalab, biex b'hekk fiż-żewġ każi n-nisa u l-bniet, partikolarment it-tfal u ż-żgħażaġh b'diżabilità, ikunu jistgħu jirċievu appoġġ u għajjnuna xierqa fl-Unjoni Ewropea kollha; itenni li l-Istati Membri jridu jrawmu komunitajiet inklużivi u li jemanċipaw, billi jagħtu appoġġ xieraq biex jiġu miġġielda l-ostakli speċifiċi għall-ġeneru u d-diskriminazzjoni li jħabbtu wiċċhom magħhom in-nisa u l-bniet b'diżabilità;
20. Jinsab imħasseb dwar ir-rati għolja ta' qgħad fost il-persuni b'diżabilità, b'mod speċjali fost in-nisa b'diżabilità, meta mqabbla ma' gruppi oħra tal-popolazzjoni fl-Unjoni Ewropea; jistieden lill-Istati Membri jrawmu u jiżguraw qafas leġiżlattiv u ta' politika għall-parteċipazzjoni tan-nisa b'diżabilità fis-suq tax-xogħol, inklużi dawk b'diżabilità u kundizzjonijiet kroniċi moħbija jew diffikultajiet ta' tagħlim;
21. Jenfasizza l-importanza tal-intrapriżi u l-kooperattivi soċjali fl-inklużjoni soċjali u ekonomika u t-tiħiħ tal-pożizzjoni tal-persuni b'diżabilità, u b'mod partikulari tan-nisa b'diżabilità; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkludu enfasi qawwija fuq l-ekonomija soċjali fil-programmi u l-politiki għall-persuni b'diżabilità u fuq l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneru;
22. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li t-trobbija tat-tfal b'diżabilità hija komputu li jaqa' prinċipalment fuq in-nisa;
23. Jenfasizza r-rwol imprezzabbli u finanzjarjament sottoapprezzat tan-nisa li jieħdu ħsieb il-membri tal-familja b'diżabilità;
24. Jenfasizza l-importanza tal-inklużjoni tal-bniet b'diżabilità fl-edukazzjoni regolari fil-

każijiet kollha fejn id-diżabilità tippermetti tali integrazzjoni; itenni r-rwol importanti tal-edukazzjoni formali, informali u mhux formali tal-edukazzjoni u tat-tagħlim tul il-ħajja fit-trawwim tal-inklużjoni soċjali tan-nisa u l-bniet b'diżabilità; jenfasizza l-potenzjal tas-setturi tal-arti u l-kultura biex tissaħħa il-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet b'diżabilità, u biex jiġu indirizzati l-preġudizzju u d-diskriminazzjoni fuq il-bażi tad-diżabilità; jinnota l-ħtieġa li jiġu appoġġjati programmi edukattivi inklużivi li jindirizzaw l-ostakoli li jħabbtu wiċċhom magħhom il-persuni b'diżabilità fit-tagħlim, u li jiġġieldu kontra sterjotipi, diskriminazzjoni u reati ta' mibegħda speċifiċi kontribom;

25. Jenfasizza l-importanza tal-TIK għall-mobilità, il-komunikazzjoni u l-aċċess għas-servizzi pubbliċi; jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri jipromwovu b'mod attiv il-parteċipazzjoni tan-nies b'diżabilità, anke fl-aċċess għal servizzi pubbliċi online;
26. Ihegġegħ lill-istituzzjonijiet tal-UE jirvedu r-Regolamenti tal-Persunal, ir-regolamenti interni u r-regoli implimentattivi biex jadottaw politiki ta' rekrutaġġ komprensivi, inklużi miżuri pożittivi, biex iżidu attivament l-għadd ta' persunal u apprendisti b'diżabilità, kif ukoll biex jiżguraw li l-impjegati kollha tal-istituzzjonijiet tal-UE li għandhom diżabilità jew li għandhom membri tal-familja dipendenti b'diżabilità jirċievu l-akkomodazzjoni raġonevoli li jeħtieġu sabiex igawdu d-drittijiet tagħhom fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor; jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni tirrevedi r-Reġim Komuni tal-Assikurazzjoni tal-Mard tal-istituzzjonijiet tal-UE sabiex din tkopri b'mod komprensiv il-bżonnijiet tas-saħħa relatati mad-diżabilità b'mod li jkun kompatibbli mal-Konvenzjoni;
27. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura edukazzjoni inklużiva fl-Iskejjel Ewropej u, f'konformità mar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità dwar valutazzjoni multidixxiplinarja tal-bżonnijiet individwali, in-nonesklużjoni tal-bniet b'diżabilità, kif ukoll il-provvediment ta' akkomodazzjoni raġonevoli adegwata;
28. Ihegġegħ lill-Parlament Ewropew isaħħaħ il-mekkaniżmu intern stabbilit għall-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (in-Netwerk tal-UNCRPD) sabiex dan isir mekkaniżmu soprastanti għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni fil-kumitati parlamentari kollha, b'persunal assenjat esklużivament lilu;
29. Jitlob li jiġi ratifikat b'mod urġenti t-Trattat ta' Marrakexx biex jiġi Ffaċilitat l-Aċċess għal Xogħlijiet Pubbliċi għal Persuni b'Vista Batuta u Persuni b'Diffikultà Biex Jaqraw Materjal Stampat (it-Trattat ta' Marrakexx), mingħajr ma r-ratifika tkun tiddependi mir-reviżjoni tal-qafas ġuridiku tal-UE jew mid-data tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja; jistieden lill-Kummissjoni tissottometti l-proposti leġiżlattivi meħtieġa sabiex timplimenta t-Trattat ta' Marrakexx;
30. Jitlob li tiġi żblukkata b'mod urġenti d-direttiva tal-UE kontra d-diskriminazzjoni, li ma rat l-ebda progress fil-Kunsill sa mill-2008 'l quddiem, u li d-Direttiva tittratta speċifikament id-diskriminazzjoni intersezzjonali bbażata fuq il-ġeneru u d-diżabilità;
31. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu minnufih l-isforzi tagħhom biex jipprovdu amministrazzjoni u servizzi aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor; jenfasizza li l-għajxien indipendenti, l-inklużjoni soċjali u l-parteċipazzjoni tan-nisa u l-bniet b'diżabilità jistgħu jinkisbu biss jekk jitneħħew l-ostakli li fadal; jemmen

ukoll li għandha tiġi provduta informazzjoni ġenerali dwar servizzi għaċ-ċittadini (bħall-informazzjoni dwar l-edukazzjoni, l-impjegi, il-kura soċjali u dik tas-saħħa) f'diversi forom u formati, b'mod sempliċi u sikur aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità;

32. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Kunsill jaċċellera l-proposta għal direttiva dwar l-aċċessibilità tal-websajts tal-korpi tal-settur pubbliku, bil-għan li tiżdied l-aċċessibilità tad-dokumenti, tal-vidjos u tal-websajts u li jiġu provduti mezzi ta' komunikazzjoni alternattivi aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità;

33. Jilqa' l-pubblikazzjoni mill-Kummissjoni tal-proposta għal Att Ewropew dwar l-Aċċessibilità fit-2 ta' Diċembru 2015; ifakkar li huwa meħtieġ approċċ komprensiv lejn l-aċċessibilità u li d-dritt għall-aċċessibilità kif iddikjarat fl-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità jrid jiġi garantit lill-persuni b'kull xorta ta' diżabilità;

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	19.4.2016
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 30 -: 1 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Arena, Catherine Bearder, Beatriz Becerra Basterrechea, Malin Björk, Vilija Blinkevičiūtė, Anna Maria Corazza Bildt, Viorica Dăncilă, Iratxe García Pérez, Anna Hedh, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Elisabeth Köstinger, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Angelika Mlinar, Maria Noichl, Marijana Petir, Pina Picierno, João Pimenta Lopes, Terry Reintke, Jordi Sebastià, Michaela Šojdrová, Ernest Urtasun, Jadwiga Wiśniewska, Anna Záborská, Jana Žitňanská
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Rosa Estaràs Ferragut, Kostadinka Kuneva, Constance Le Grip, Evelyn Regner, Marc Tarabella
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Marco Zanni, Julia Reid